MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 24/1995/1

**Geoffrey Keith u Madeleine konjugi Whitehouse**

**Vs**

**George u Frances konjugi Xuereb**

**Il-Qorti,**

**Actio Finium Reigundorum.**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat fit-13 ta' Frar 1995 li permezz tieghu l-atturi ppremettew li:-

Permezz ta' kuntratt tal-31 ta' Mejju 1991 fl-atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo xtraw minghand Joseph Muscat id-dar minghajr isem u minghajr numru fi Triq Gdida minghajr isem li taghti ghal Triq Xordin, Nadur, Ghawdex bil-gnien

anness maghha u li tmiss mil-lvant ma' beni tal-eredi ta' Joseph Muscat, mill-punent ma' beni tal-konvenuti u minn nofsinhar mat-triq, libera u franka u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha.

Peress illi l-konvenuti huma l-proprjetarji tal-fond li jigu fuq in-naha tal-punent tal-proprjeta' tal-atturi li fuqu wkoll tinsab mibnija dar tal-abitazzjoni.

Peress illi nqalghu divergenzi bejn il-partijiet dwar il-linja divizorja bejn il-partijiet dwar il-linja divizorja ta' bejn il-proprjetajiet rispettivi, senjatament dwar lil min tappartjeni porzjon art li tinsab bejn id-djar rispettivi tal-kontendenti, bil-kejl ta' madwar tnejn u tletin metri kwadri (32mk) lit miss minn nofsinhar mat-triq, mit-tramuntana u mill-lvant mal-bqija tal-proprjeta' tal-atturi, liema art effettivament hija inkluza mal-proprjeta' mibjugha lill-esponenti kif jigi dettaljament ipprovat fil-kawza.

Talbu ghalhekk l-atturi sabiex din il-Qorti:-

1. Pevia okkorrendo d-dikjarazzjoni li l-porzjon art fuq imsemmija hija proprjeta' esklussiva tal-atturi, tiffissa u tistabilixxi l-linja divizorja ta' bejn il-proprjeta' fuq deskritta appartenenti lill-konvenuti u tordna s-segregazzjoni taghhom permezz ta' hitan jew marki permanenti ohra skond il-Ligi u dan taht id-direzzjoni ta' perit arkitett li jigi nominat ghal din il-fini minn din il-Qorti.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fit-3 ta' Marzu 1995, il-konvenuti eccepew:-

1. Illi c-citazzjoni odjerna hija irrita u nulla u dana peress illi l-azzjoni li kellhom jintentaw l-atturi kellha tkun dik ta' rivendika tal-proprjeta' u mhux tad-delimitazzjoni tal-konfini u dana peress illi l-istess konfini huma gia delimitati b'hajt fiss u ghalhekk ma hemm l-ebda linja divizorja li ghandha tigi stabilita.

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-art in kwistjoni hija proprjeta' esklussiva tal-istess konvenuti, minnhom akkwistata in forza ta' kuntratt tal-14 ta' Novembru 1990 (atti nutar Ino

Mario Grech) u l-istess atturi la huma l-proprjetarju ta' dan il-passagg u wisaq anqas huma jsitghu jifthu twieqi ghal fuq dana l-passagg.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Guido Vella prezentat fl-1 ta' Settembru 1995.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' April 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti tal-kawza principali huma s-segwenti:-
(a) L-awtur tal-kontendenti huwa komuni, Joseph Muscat.
(b) Permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Novembru 1990 atti nutar Dr. Ino Mario Grech, Joseph Muscat ta lill-konvenut koncessjoni ta' enfitewsi perpetwa ta' *"porzjon raba' imsejha ta' Frabezz limiti Nadur, Gozo tal-kejl ta' xi hames mija tlieta u erbghin metri kwadri (543m2) tmiss nofsinhar ma' beni ta' Guzepp Camilleri, tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Giovanni Curmi u lvant ma' beni ta' Giuseppe Muscat libera u franka, bid-drittijiet u l-perteninenzi taghha kollha u murija ahjar fuq l-annessa pjanta markata A"*.
(c) Permezz ta' kuntratt datat 31 ta' Mejju 1991 atti nutar Dr. Michael Refalo, Joseph Muscat biex lill-atturi:- *"……the house without namen or number in a new unnamed street off Xordin Street, Nadur, Gozo with garden adjoined thereot and the whole bounded on the east and west by proprerty of vendor and on the south by the street, free and unencumbered with all its rights and appurtenances and better shown on the annexed two plans marked A and B"*.
(d) Fit-3 ta' Gunju 1987[1] l-atturi ffirmaw konvenju. Mill-provi ma rrizultax li l-ewwel konvenju (li kien validu ghal sitt (6) xhur) gie mgedded. L-atturi pprezentaw ukoll

[1] Fol. 110.

konvenju iehor (datat 24 ta' Ottubru 1988)[2], li jidher li gie ffrimat min-nutar Dr. Franz Refalo ghan-nom taghhom. L-atturi jikkontestaw li qatt taw xi awtorizazzjoni lin-nutar biex jiffirma dan il-konvenju ghan-nom taghhom. F'paragrafu (a) jinghad:- *"The prospective purchaser shall have the right to leave open the seven Windows, indicated on plan attached to this agreement and marked Document B, which windows shall overlook a passage being the property of the vendors and which vendor binds himself not to block or obstruct in any way"*.

(e) Il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet hi dwar ta' min hi l-porzjon art li tidher fir-ritratti a fol. 34, 35, 36 u mehudin mill-perit tekniku. Din il-porzjon art, li l-perit tekniku ddikjara li fiha kejl ta' *"madwar wiehed u tletin punt hamsa metri kwadri (31.5mk)"*[3], hija posizzjonata bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti. Fil-fatt jidher li fil-proprjeta' tal-kontendenti hemm ukoll aperturi li jaghtu ghal fuq dan il-passagg (ara fol. 38).

2. Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu sabiex jekk ikun hemm bzonn il-Qorti tiddikjara li dan il-passagg huwa proprjeta' taghhom u *"tiffissa u tistabilixxi l-linja divizorja ta' bejn il-proprjeta' fuq deskritta appartenenti lill-atturi u dik addjacenti appartenenti lill-konvenuti"*. Kull parti tippretendi li l-estensjoni tal-proprjeta' taghha tinkludi l-passagg.

3. Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni, il-konvenuti qeghdin isostnu li c-citazzjoni hija nulla ghaliex il-kawza li kellhom jaghmlu l-atturi hija dik ta' rivendika u mhux ta' delimitazzjoni ta' konfini in kwantu jsostnu li l-konfini huma diga' delimitati peress li hemm hajt fiss. Fil-kawza fl-ismijiet **Terry Limited vs Vica Limited** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] fit-3 ta' Lulju 2002, gie ssottolinejat:-*"Illi wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li n-nullita' tal-atti gudizzjarji hija sanzjoni eccezzjonali u, fil-kaz ta' att ta' citazzjoni, tali nullita' tkun imputabbli ghal*

[2] Fol. 112.
[3] Fol. 26.
[4] Onor. Imhallef Joseph R. Micallef.

*difett ta' forma aktar milli ta' sustanza, liema difett ma jkunx jista' jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali".* F'sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **George Galea vs Giovanni Elia Zammit Haber et**[5], gie osservat:- *"Generalment in-nullita' ma tintalabx minhabba raguni fil-meritu izda minhabba raguni procedurali u citazzjoni ma tkunx nulla ghax l-attur jkun ghazel triq flok ohra. Dik it-triq fl-ahhar mill-ahhar tista' tkun gustifikata u tista' tkun li le u darba l-attur ghamel l-ghazla tieghu dana jrid jiggustifika jew inkella jitlef il-kawza. Izda l-konvenut m'ghandu l-ebda dritt jiddetta liema kawzali l-attur ghandu juza u x'messu talab; ma ghandu l-ebda dritt ighid li l-attur messu talab ir-revoka u mhux in-nullita'. Dik l-ghazla hi f'idejn il-promotur tal-kawza li ghandu f'idejh il-vantagg tal-ghazla tat-tip ta' kawza u z-zmien meta jintavolha".* F'dan ir-rigward il-Qorti mhi tara l-ebda nuqqas fic-citazzjoni pprezentata mill-atturi u ghalhekk ser tghaddi biex tichad din l-ewwel eccezzjoni.

4. Il-kawza maghrufa bhala l-*actio finum regondorum* hija ***"intiza semplicement biex tiddetermina u tistabilixxi l-konfini bejn proprjeta` u ohra u b'hekk tigi elminata l-incertezza jew id-dubju dwar il-konfini ta' proprjetajiet adjacenti ta' sidien differenti"*** (**Doris Scicluna et vs Carmelo Bondin et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Lulju 2006). Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Victor Mangion et vs Raphael Aquilina et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[6] gie osservat li:- *".. f'din l-azzjoni reali u petitorja ma humiex id-drittijiet rispettivi tal-proprjeta' li jitqeghdu in diskussjoni imma l-iskop ta' l-azzjoni hu dak li jtendi unikament biex tigi eliminata l-incertezza dwar id-demarkazzjoni bejn iz-zewg fondi, u b'hekk is-sitwazzjoni ta' fatt tigi adegwata ghal dik ta' dritt".* L-awtur Andrea Torrente u Piero Schlesinger, *Manuale di Diritto Privato* (Edizzjoni numru 11, Giuffre' Editore pagna 333 kitbu:- "*"l-azione di regolamento di confini: presuppone l'incertezza del confine tra due*

[5] 2 ta' Gunju 1988 presjeduta mill-Onor. Magistrat Dr. Michael Mallia.
[6] Onor. Imhallef Philip Sciberras.

*fondi. I rispettivi titoli di proprjeta` delle parti non sono contestati; cio` che e` incerto e che l azione tande ad accertare e` l-estensione delle proprieta` contigue, e`, quindi il confine. Non ha importanza se la zona intermedia sia posseduta da uno solo o promiscuamente da entrambi i proprietari confinanti. Questa azione ha la natura di una revendica parziale (vindicatio duplex incertae partis) e presenta alcune particolarita`: ciascuna delle parti e, al tempo stesso, attore e convenuto; ogni mezzo di prova e` ammesso…..”* (pagna 333).

5. Mill-provi rrizulta li meta saret il-kawza, il-proprjeta' tal-kontendenti kienet mibnija. Il-kwistjoni bejniethom hi ta' min hi l-istrixxa art (passagg) li tinsab bejn dawn iz-zewg proprjetajiet. L-atturi jippretendu li l-proprjeta' taghhom testendi sal-hajt divizorju li jaqsam il-fond tal-konvenuti mill-passagg in kwistjoni. Min-naha l-ohra l-konvenuti jippretendu li l-proprjeta' taghhom testendi sal-hajt divizorju li jaqsam il-fond tal-atturi mill-passagg in kwistjoni. Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Dolores Debono et vs Joseph Grech et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7] fit-28 ta' April 2003, il-Qorti osservat li din it-tip ta' azzjoni *“tippresupponi l-incertezza jew d-dubju tal-konfini. Incertezza li tista' tkun oggettiva jew soggettiva. Oggettiva fis-sens fejn ma jkunux jezistu sinjali apparenti cari; soggettiva, fil-kaz li l-attur ikun irid jelimina l-konflittwalita', bhal f'dan il-kaz hawn trattat, jew biex jevita l-possibilita' ta' uzurpazzjoni ta' xi parti mill-art tieghu. Ir-rizultat ta' indagni hi wahda purament dikjarattiva ta' accertament”*.

6. Bla dubju wiehed ma jistax ma jikkunsidrax it-titolu ta' akkwist tal-proprjetajiet rispettivi in kwantu dawn huma ta' importanza primarja ghal fini tad-determinazzjoni tal-kwistjoni. Sfortunatament, dan huwa kaz klassiku fejn bi ftit iktar attenzjoni bil-mod kif giet murija l-proprjeta' fuq il-pjanti annessi u fid-deskrizzjoni li nghatat fil-kuntratti ta' akkwist, seta' facilment tigi evitata din il-kwistjoni bla

---

[7] Onor. Imhallef Philip Sciberras.

bzonn. Meta l-atturi xtraw l-art (kuntratt ta' akkwist tal-31 ta' Mejju 1991 atti nutar Dr. Michael Refalo), huma xtraw dar bi gnien. Fil-pjanta annessa mal-att jidher il-passagg li huwa meritu ta' din il-kawza, pero' m'hemmx indikat jekk dan huwiex inkluz fil-bejgh. Il-Qorti (kif verbalizzat fl-ahhar seduta) marret fl-ufficcju tal-arkivju notarili u rat il-kuntratt li jinsab depozitat f'dan l-ufficcju. Il-pjanta annessa (fol. 9) tinkludi site plan. Fuq dak l-att, il-passagg huwa ndikat bhala **LANE** (sqaq) filwaqt li l-proprjeta ta' hdejha li zgur li m'hemm kontestazzjoni li hija tal-atturi hija ndikata bil-kelma **SITE**. L-estensjoni tal-art hija delinejata bil-kulur ahmar, kif inhu l-isqaq pero' miz-zewg nahat. Fuq il-pjanta (ukoll fol. 9) jidher ukoll dan il-passagg b'wisa' ta' hames (5) piedi. Il-kejl tal-art li jissemma fuq dan id-dokument huwa ta' sitt mija u tlett metri kwadri (603mk). Mir-rapport imhejji mill-perit tekniku jirrizulta li l-fond tal-atturi (eskluz il-passagg li dwaru hemm il-kwistjoni bejn il-kontendenti) fih *"il-kejl superficjali ta' madwar sitt mija u disa' punt tnejn metri kwadri (609.2mk). Dan il-kejl ittiehed min-nofs il-hitan tat-Tramuntana u tal-Lvant; mil-linja tat-triq fin-Nofsinhar; min-nofs il-hajt li jifred il-btiehi tal-kontendenti; u mil-wicc ta' barra tal-hajt tal-konvenuti fejn dan imiss mal-passagg"*[8]. Mela, minghajr ma wiehed jinkludi l-passagg jirrizulta li l-atturi diga' ghandhom kejl iktar minn dak indikat fil-pjanta annessa mal-att ta' akkwist. Il-passagg wahdu, skond ir-rapport imhejji mill-perit tekniku, ghandu kejl ta' wiehed u tletin punt hamsa metri kwadri (31.5mk)[9]. Jinghad ukoll li fir-rigward tal-pjanta markata B[10] annessa wkoll mal-kuntratt u ffirmata mill-attrici, il-passagg ma jidhirx li gie nkluz. Inoltre, ghal dak li huma konfini, fil-kuntratt ta' akkwist tal-atturi jinghad li l-fond li nxtara mill-atturi huwa konfinanti mill-lvant u mill-punent ma' proprjeta' ta' l-awtur taghhom (Joseph Muscat). F'dan ir-rigward wiehed irid jirrileva li l-konvenuti xtraw qabel l-atturi, u huwa fattur li jkompli jaghti indikazzjoni li l-estensjoni tal-proprjeta' li hija oggett tal-kuntratt tal-31 ta' Mejju 1991, ma tinkludix il-passagg. Kieku kien mod iehor wiehed jifhem li kien jinghad li l-proprjeta' tikkonfina ma'

[8] Fol. 26.
[9] Fol. 26.
[10] Fol. 10.

proprjeta’ tal-konvenuti (li kif rajna mill-provi kienu diga’ xtraw fid-data tal-akkwist tal-atturi).

Mehudin in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha, il-Qorti m’hijiex tifhem li mit-titolu ta’ akkwist tal-atturi l-estensjoni tal-proprjeta’ taghhom tinkludi dan il-passagg. Dan minkejja l-fatt li l-atturi xehedu (fol. 103 u 115) u ressqu wkoll provi (ara xhieda ta’ Theresa Camilleri (fol. 132-133) u ta’ Joseph Camilleri (fol. 88) li dan il-passagg kellu jkun inkluz mal-proprjeta’ li xtraw.  Pero’ meta xehed l-attur in kontro-ezami[11], jidher li huwa accetta li fil-pjanti annessi mal-kuntratt ta’ akkwist m’hemmx indikat il-passagg bhala parti mill-proprjeta’ li xtraw.  Hekk per ezempju:-

*“Witness:- We went to Mr. Michael Grech on the instructions of Mr. Michael Refalo.  His brother by that time had gone to Rome.  And his words were, ‘it has nothing to do with me’.  So we went to Michael Grech who said, “You’ve just signed part of your property away” How come ? And that how it all started.*

*Dr. Anton Refalo:- So you are accepting, so that everybody will know what you are saying that by the contract which you signed on the thirty-first (31st) day of May one thousand nine hundred and ninety one (1991), exhibited a folio 7 and folio 8 of the proceedings, you didn’t acquire the passage, and that was because the notary did not include the passage, by fraud your are saying, isn’t that so ?*

*Witness: Yes that is the case.  But the passage as far as we were concerned when my wife signed the contract there was no reason to question it for the simple fact that the passageway was created by us at the time of building”*[12].

L-attur kompla jghid:-

[11] Fol. 156-168.
[12] Fol. 159 (ara wkoll fol. 164).

*"We were instructed to go to Dr. Michael Grech. Whilst accepting the fact that what we've done by signing that property without the passage. But everything prior to that was done by fraud……."* (fol. 160).

Filwaqt li fil-premessi tac-citazzjoni l-atturi jsostnu li l-passagg in kwistjoni kien inkluz bhala parti mill-proprjeta' li xtraw, fil-kors tax-xhieda l-attur jidher li qieghed isostni li ghalkemm meta ftehemu ma' Joseph Muscat il-qbil kien li dan il-passagg kellu jkun inkluz fil-bejgh, fir-realta' kienu dahku bihom u hallewh barra mill-kuntratt ta' akkwist. Pero' certament il-Qorti hija marbuta b'dak li jirrizula mill-kuntratti ta' akkwist, mehud ukoll in konsiderazzjoni li fic-citazzjoni l-atturi qeghdin jibbazaw it-titolu taghhom fuq dan il-kuntratt.

Rilevanti wkoll huwa l-konvenju li jinsab ezebit a fol. 112 tal-process datat 24 ta' Ottubru 1988 li jirreferi ghall-proprjeta' tal-atturi. Fih jinghad

7. Ghal dak li jirrigwarda l-konvenuti, m'hemmx dubju li t-titolu taghhom (kuntratt tal-14 ta' Novembru 1990) jipprecedi dak tal-atturi. Il-Qorti trid tara wkoll jekk l-estensjoni tal-proprjeta' taghhom tinkludix il-passagg muri delinejat bl-ahmar fil-pjanta Dok. GV8 a fol. 38 tal-process. Huwa minnu li fil-kuntratt ta' xiri, jinghad li l-art li kienu qeghdin jixtru l-konvenuti kien fiha kejl ta' *"xi hames mija tlieta u erbghin metri kwadri (543m2)"*[13]. Skond il-kejl tal-perit tekniku, *"il-fond tal-konvenuti, kif delineat bil-kulur ahdar fuq il-pjanti hawn annessi, fieh il-kejl superficjali ta' madwar hames mija u hamsa u ghoxrin punt erbgha metri kwadri (525.4mk). Dan il-kejl ittiehed min-nofs il-hitan tat-Tramuntana u tal-Lvant tal-fond tal-konvenuti, u min-nofs dak ta' bejn il-btiehi tal-kontendenti; mil-linja tat-triq, u minn wicc il-hajt tal-konvenuti fejn dan imiss mal-passagg"*[14]. Il-kejl ma jinkludix il-passagg in kwistjoni, li skond il-perit tkeniku ghandu kejl superficjali ta' wiehed u tletin punt hamsa metri kwadri (31.5mk). Dan jaghti total

[13] Fol. 16.
[14] Fol. 26.

ta' hames mija u sitta u hamsin punt disgha metri kwadri (**556.9mk** = 525.4mk + 31.5mk). Id-diskrepanza taqa' fil-parametri ta' *circa*. Il-Qorti temmen wkoll li l-pjanta annessa mal-kuntratt ta' xiri tal-konvenuti taghti risposta wkoll dwar sa fejn kienet tasal l-art li xtraw il-konvenuti[15]. Fil-kawza fl-ismijiet **Mary Bezzina et vs Salvina Vella et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Novembru 1972, gie osservat:- *"….meta trattandosi ta' bejgh jew trasferiment ta' art, l-art hi murija fi pjanta li turi l-konfigurazzjoni taghha u tindika l-kejl, il-kwistjoni ma tistghax tigi risoluta hlief fuq il-bazi tal-kuntratt kif avvolorat b'dik il-pjanta anki jekk din ma tikkorrispondix ezattament ghall-intenzjoni originali tal-partijiet jew ghall xi ftehim verbali li talvolta setgha sar bejniethom jew anki tkun giet konsenjata lill-akkwirent art izjed"*. Il-konfigurazzjoni tal-art kif murija fuq il-pjanta u s-site plan (fol. 19) jaghtu x'tifhem lill-Qorti li l-proprjeta' li akkwistaw il-konvenuti kienet tinkludi l-passagg. Sahansitra jidhru wkoll l-aperturi li mill-proprjeta' tal-atturi jaghtu ghal fuq dan il-passagg, u li ovvjament il-konvenuti ma jistghu bl-ebda mod jippretendu li nfethu kontra l-ligi. Il-Qorti tkompli ssahhah il-fehma taghha meta isir paragun fil-kejl li jirrizulta mill-pjanta annessa mal-kuntratt ta' akkwist tal-konvenuti (fol. 19) u l-pjanta li hejja l-perit tekniku (fol. 38). Ghalkemm iz-zewg pjanti fihom skala differenti (dik a fol. 19 fiha skala ta' 1:200 filwaqt li dik a fol. 38 fiha skala ta' 1:100), il-wisa' tal-passagg huwa identiku (1.7metri kejl mehud mill-parti ta' gewwa tal-hajt divizorju li jaqsam proprjeta' tal-konvenuti mill-passagg u sal-wicc tal-hajt divizorju li jaqsam proprjeta' ta' l-atturi mill-passagg in kwistjoni). Jidher ukoll li l-gemb tal-front garden tal-propreta' tal-atturi, kif muri fiz-zewg pjanti, huwa wiesgha 2.5 metri. Il-posizzjoni tal-ewwel apertura kif murija fil-pjanta a fol. 19 (dik annessa mal-kuntratt ta' akkwist tal-konvenuti) taqbel mal-pjanta li hejja l-perit tekniku a fol. 38 tal-process. Fatturi li fil-fehma tal-Qorti jkomplu jsahhu t-tezi tal-konvenuti, cjoe' li l-passagg kien inkluz fit-titolu taghhom.

[15] "Pjanta ma hiex biss accessorju ghal kuntratt; effettivament hija parti integrali mill-kuntratt" (**AIC Edwin Calleja vs Gaetano Sammut** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Marzu 1995).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

2. Tichad it-talba tal-atturi in kwantu d-dritt ta’ proprjeta’ tal-atturi ma testendix ghall-passagg muri delinejat bil-kulur ahmar fil-pjanta ezebita a fol. 38 tal-process in kwantu l-passagg huwa nkluz fil-proprjeta’ tal-kontroparti. Peress li delinejazzjoni tal-linja divizorja diga’ tidher bl-ezistenza ta’ hajt divizorju m’hemmx lok li tinghata xi ordni ulterjuri.

Spejjez a karigu tal-atturi salv ghal dawk li jirreferu ghall-ewwel eccezjoni li huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------